DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 257/2018

tal-5 ta' Diċembru 2018

li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2021/1521]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Annessi XIII u XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 56b (id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32013 R 1257**: Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU L 330, 10.12.2013. p. 1)."

Artikolu 2

L-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 32c (ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "- **32013 R 1257**: Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU L 330, 10.12.2013. p. 1)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 32fg (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/632/UE):

   "32fh. **32013 R 1257**: Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1).

   Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

   (a) Fl-Artikolu 3(1)(10), il-kliem 'jew, fejn applikabbli, skont id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE' għandhom jiddaħħlu wara l-kliem 'ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill'.

   (b) Fl-Artikoli 4 u 14, ir-referenzi għal 'liġi rilevanti tal-Unjoni', 'dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni' jew 'dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni' għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

   (c) Fl-Artikolu 16:

      (i) fil-punt (a) tal-paragrafu 1, il-kliem li ġej għandu jiżdied wara l-kliem 'l-Artikolu 14(3)':

      ', jew li jinsabu fi Stat tal-EFTA u li ġew innotifikati minn dan l-Istat tal-EFTA lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 14(3)';

([1]) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1.

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem 'li jinsab fi Stat Membru' għandu jinbidel bil-kliem 'li jinsab fiż-Żona Ekonomika Ewropea';

(iii) fil-paragrafu 6, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tikkomunika lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti li tirċievi minn Stat tal-EFTA skont l-ewwel subparagrafu jew l-Artikolu 14.'"

Artikolu 3

It-test tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandu jiġu ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 2018, dment li jkunu saru l-avviżi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Oda Helen SLETNES

Is-Segretarji
Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Hege M. HOFF
Mikołaj KARŁOWSKI

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.